Għalkemm hemm ħafna li d-daqq tal-qniepen ma jagħtux kasu għax drawh bħall-ilma li nixorbu kuljum, xorta waħda għandu funzjoni, u aktar kellu fil-komunita ta' dari. Il-qniepen ma jdoqqux għax xi ħadd ifettillu jdoqq mota għall-gost, imma tista' tgħid li d-daqq tagħhom huwa marbut maċ-ċerimonji u l-funzjonijiet li jsiru fil-knisja jew f'xi festa partikolari fil-lokal, bħall-Milied u l-Għid il-Kbir. Għal dawn iż-żewġ festi kbar tal-knisja li nirreferu għalihom bħala tal-prima klassi jindaqqu l-ogħla grad ta' qniepen, jiġifieri erba' moti bil-kbira.

Dawn l-erba' moti bil-kbira (il-qanpiena l-kbira) jkunu sett ta' sitta li jibdew lejlet il-festa f'nofsinhar meta l-istess festa tidħol fis-solennita tagħha, u tispiċċa l-għada bil-barka ta' l-aħħar wara li tidħol il-proċessjoni, jekk f'dik il-festa soltu ssir proċessjoni. Biex nifhmu sewwa ngħidu hekk: Lejlet il-festa jkun hemm erba' moti f'nofsinhar, erba' moti qabel l-għasar u erba oħra (dejjem bil-qanpiena l-kbira ddoqq mal-qniepen l-oħra) wara li jispiċċaw il-funzjonijiet fil-knisja, jiġifieri għall-ħabta tat-8.00pm. L-għada, jum il-festa, ikomplu erba' moti qabel il-quddiesa kanta,ta erba' oħra f'nofsinhar u l-aħħar sett ta' erba' moti qabel l-għasar.

Minn post għal-ieħor fil-gżejjer tagħna jkun hemm varjazzjonijiet fid-daqq tal-mota. Fost oħrajn ngħidu li hemm min kull mota jibdieha bl-istess qanpiena, jiġifieri biż-żgħira, u jispiċċa b'ta' l-aħħar, jiġifieri bil-qanpiena l-kbira, imma hemm min jibda u jispiċċa kull mota b'qanpiena differenti biex jagħti gost lil min jisma'.

Il-qniepen fi żmienna jdoqqu fil-festi prima u sekonda klassi, fl-anniversarji, mwiet, funerali u grazzji maqlugħa, imma dari kienu wkoll idoqqu fit-tempesti, fil-ferħ u fin-niket. Bħal dari, illum il-qniepen għadhom jgħidu l-ħin, aktar bħala użanza li bdiet meta n-nies ma kienx ikollhom arloġġ. Barra minn hekk iħeġġuhom jgħidu talb li jimxi mal-ħin, bħad-daqq tat-8.00am, ta'12.00am , ta' l-Ave Marija u Ta' l-Imwiet; dari l-qniepen kienu l-arloġġ. Ukoll dawk l-erba' moti li semmejt qabel għall-festi kienu jimmarkaw il-ħin li baqa' biex tibda l-funzjoni, għalhekk wara l-ewwel mota jindaqq tokk wieħed bil-qanpiena l-kbira biex timmarka li kienet l-ewwel mota; hekk ukoll jindaqqu żewġ tokki wara t-tieni mota, tlieta wara t-tielet u wara r-raba' u l-aħħar mota jindaqqu disa' tokki biex turi li dik kienet ta' l-aħħar u li waslet biex tibda l-funzjoni.

Fis-sengħa tad-daqq tal-qniepen irid ikollok l-amor proprju u ddoqq bil-mod u ma titlifx tokki waqt li tiġbed il-ħabel 'l isfel, u ma tħallix l-ilsien isabbat ħafna mal-pjaga tal-qanpiena. Ngħidu wkoll li meta wieħed ikun qiegħed idoqq ma' qniepen oħra, irid iqabbel id-daqq, jiġifieri li mhux il-qniepen kollha jħabbtu ma' l-istess ġenb iżda jara li t-tokk jitlissen fil-vojt ta' qanpiena oħra li l-ilsien tagħha jkun għadu għaddej minn banda għall-oħra. Il-qniepen jistgħu jindaqqu minn isfel tal-kampnar jew minn fuq. Meta ddoqqhom minn fuq tal-kampnar

tkun dirett ħdejn il-qniepen u għandek veduta x'tara. Minn fuq jindaqqu isbaħ għax ikunu żgangjati u allura jindaqqu fuq iż-żewġ naħat tal-qanpiena filwaqt li jekk iddoqqhom minn isfel ikunu ggangjati u jindaqqu fuq naħa waħda.

Il-qniepen l-aktar li jindaqqu minn dilettanti li jkunu jafu jqabbluhom sewwa. Sa ftit żmien ilu kont issib ħafna, speċjalment tfal abbatini, jiġġieldu biex idoqquhom. Illum naqsu sew dawk li jridu jdoqqu għax fil-festa tar-raħal ma jkunux iridu joqogħdu jdoqqu fil-kampnar. Allura s-sagristan iqabbad gaj minn lokal ieħor li jkunu għal hekk u jħallashom tal-ġranet li jagħmlu jdoqqu.

Illum, b'differenza minn dari, il-qniepen jordnawhom bħala sett li jkunu ntunati skala fuq oħra bħal strument, biex jindaqqu f'sett u joħolqu atmosfera aktar armonjuża. Dari kien hawn aktar min jaħdem il-qniepen imma issa jsiru barra. Kampnar mimli qniepen fl-arkati tiegħu tgħidx x'għaxqa jkun fih tarah, waqt li minnu toħroġ dik il-ħlewwa ta' daqq naturali. It-turisti, meta jinzertaw viċin tgħidx kemm jieħdu gost u ritratti għax għalihom tkun okkażjoni unika.

Id-daqq tal-qniepen huwa wkoll wieħed mill-ingredjenti jew elementi li jsebbħu l-festa Maltija. Kemm tinstema' sabiħ u tħollok ikollok tisma' mota sħiħa filgħodu kmieni ġejja tinqaleb bi ftit riħ fuq l-irdumijiet Maltin1 Ta'min jgħid li l-Birgu għadhom idoqquha din il-mota u jsejħulha "il-mota tal-ferħ" għax biha jiftaħ jum il-festa.

Wara dan kollu bosta nies aktar jogħġbuhom il-ħsejjes ta' dinja sfrenata u ħsejjes imqanżħin milli l-ħoss tal-qanpiena li ħdejn dawn huwa mezz naturali ta' tifħir li jagħti glorja l-Alla.

------ oOo ------

Kumitat ta' L-Għaqda Maltija tal-Folklor għas-sena 2003

**President:** is-S'na Maria R. Pisani; **Viċi President:** is-Sur Angelo Dougall;
**Segretarju:** is-Sur Ġużi Gatt; **Assistent Segretarju:** is-Sur George Cilia;
**Teżorier:** is-Sur George Glanville; **Assistant Teżorier:** is-Sur J.F.Porsella-Flores:
**Membri:** is-Sur Frans Farrugia, Dr. Ġorġ Mifsud Chircop, is-S'ra Adelina Zerafa.

*Indirizz tas-Segretarju:* 7C "Perry Courts", Triq Birkirkara, San Ġiljan, SLM 13